**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 19 ta' Novembru, 2019

Rikors Ġuramentat numru : 27/2018 AL

A B

vs

L-Avukat Dr. Joseph Ellis u l-PL Katrina Zammit Cuomo b'digriet tas-26 ta' Gunju 2017 ġew nominati bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti minn Malta, C B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-attrici, li permezz tiegħu li ppremettiet:

1. Illi l-kontendenti kkuntrattaw żwieġ bejniethom nhar is-6 ta' Gunju 2007, skont kif jidher miċ-Ċertifikat taż-Żwieġ tagħhom illi kopja tiegħu qed tiġi hawn annessa u esebita u mmarkata bħala Dok. A, u minn dan iż-żwieġ ma kienx hemm tfal.
2. Illi ż-żwieġ tal-kontendenti tfarrak u tkisser irremedjabilment minħabba raġunijiet rikonoxxuti fil-Liġi, minħabba abbandun tal-familja sabiex imur igħix fil-Libja għal aktar minn sentejn u minhabba nkompatibilita` ta' karattri.

3. Illi l-esponenti kienet awtorizzzata tipproċedi b'din l-istanza permezz ta' Digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat 16 ta' Mejju 2017, illi kopja tiegħu qed tiġi annessa ma' dan ir-rikors u esebita u mmarkata bhala Dok. B.
4. Illi madwar tlett snin ilu, il-konvenut C B telaq mid-dar matrimonjali u siefer bla kliem u bla sliem lejn l-Libja, u llum mhux magħruf fejn dan jinsab, u dan kif jirriżulta ampjament mill-affiavit tal-esponent, li kopja tiegħu qed tiġi annessa ma' dan ir-rikors u esebita u mmarkta bħala Dok. C.
5. Illi ma hemmx possibilta` ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;
6. Illi l-kontendenti ma' kienu jipposjedu xejn li jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom;
7. Illi dawn il-fatti kif hawn dikjarati huma a diretta konoxxenza tal-esponenti

**B. Raguni għat-Talbiet f'dawn il-proċeduri :**

8. Illi l-prezenti proċeduri qegħdin isiru sabiex tiġi dikajrata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minħabba r-raġunijiet fuq premessi u rikonoxxuti fil-Liġi.

**C. Talbiet Attrici**

Talbet in vista ta' dak kollu fuq premess sabiex din il-Qorti :

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba raġunijiet fuq premessi u rikonoxxuti mill-Liġi, imputabbli lill-konvenut;
2. Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet;
3. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat ddekada mid-dritt illi jitlob manteniment mingħand ir-rikorrenti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li jibqa` minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti fil-kwalita` tagħhom ta' kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti C B li permezz taghha eċċepew ( a fol. 21) :

1. Illi huma fil-kwalita` tagħhom ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti minn Malta, C B m'humiex prezentement

edotti mill-fatti li taw lok għal dina l-kawza u għaldaqstant, jirriservaw illi jdaħħlu eċċeżżjonijiet ulterjuri aktar ' il quddiem.

2. Illi in oltre, peress illi l-attriċi naqset illi tagħti ndikazzjoni xierqa tal-indirizz ta' C B, mhuwiex possibbli li l-esponenti nomine jikkuntatjaw lill-assenti.
3. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuti.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi f'dan il-każ, ir-rikorrenti talbet is-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, u li l-intimat iddekada mid-dritt li jitlob manteniment mingħand ir-rikorrenti.

Il-fatti f'dan il-każ huma s-segwenti. Jirriżulta li l-partijiet iżżewġu fis-6 ta' Gunju 2007 kif jidher miċ-ċertifikat taż-żwieġ, esebit bħala Dok A. Illi minn dak premess u mix-xhieda tar-rikorrenti jirriżulta li ż-żwieġ tfarrak u C B telaq mid-dar matrimonjali u mar igħix fil-Libja, u llum mhuwiex magħruf fejn hu. Illi gie sostnut li m'hemmx possibilta` ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet, b'hekk qed tintalab is-separazzjoni.

**Provi**

Ir-rikorrenti xehdet permezz ta' affidavit[1] u qalet li hi żżewġet lill-intimat fis-6 ta' Gunju 2007 u ma kellhomx tfal. Hi spjegat li wara seba' snin l-intimat telaq mid-dar matrimonjali u minn Malta bla kliem u bla sliem u ma reġgħetx qatt ratu. Spjegat li l-fond fejn kienu igħixu hu parafernali tagħha, hi tikrieh mingħand il-Gvern, u kienet krietu qabel iż-żwieġ. Qalet li hi u żewġha m'għandhomx tfal u għalhekk l-ebda manteniment m'huwa dovut. Fl-aħħarnett sostniet li żewġha hu responsabbli għat-tkissir taż-żwieġ tagħha peress li kien hu li abbanduna l-familja għal aktar minn tlett snin.

<u>PRINCIPJI LEGALI</u>

Mir-rikors promotur jirriżulta li r-rikorrenti qed tibbaża l-azzjoni tagħha ghas-separazzjoni minn ma' żewġha fuq l-abbandun. L-abbandun huwa motiv ghas-separazzjoni fil-Ligi Maltija u fil-fatt, fil-Kodici Civili l-artikolu 41 jistipula:

[1] Affidavit Fol.25

**41. Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba.**

Kemm mid-diċitura tal-artikolu u wkoll minn ġurisprudenza kostanti tagħna jirriżulta illi l-kriterji sabiex azzjoni bħal din tirnexxi huma tnejn; l-ewwel illi l-abbandun idum għal sentejn jew iżjed, it-tieni li l-abbandun iseħħ mingħajr raġuni tajba.

Fil-kawża **Andrea Avellino vs Regina Avellino**[2] insibu tifsira ċara ta' dawn il-kriterji, fejn intqal: "Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid apparti ż-żmien, li fil-każ, se mai jikkonkorru, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (ċjoe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għal separazzjoni personali għall-ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domicilju konjuġali jikkostitwixxi l-prova tal-abbandun volontarju; imma jrid ikun jirriżulta minn fatti li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva, ta' min jabbanduna, li ma jerġax imur jgħammar mal-parti l-ohra. U biex ikun kundannabbli, l-abbandun irid ikun kapriċċuż, u mhux ġustifikat minn xi motiv raġonevoli."

Illi hawn issir referenza għall-kawża fl-ismijiet **Josephine Anne Edwards vs Avukat Dr. Joseph Xuereb noe**[3] fejn il-Qorti sostniet illi: - "Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun inġust fiż-żmien tiegħu kollu ta' sentejn..."

Il-firda personali motivata mill-abbandun ġġib magħha, skont il-ligi, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi f'każ ta' abbandun (kif ukoll f'każ ta' adulterju) huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront tal-konvenut/a ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili. Dana b'differenza mill-motivi l-ohra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi.

L-artikolu 48 jistipula:

**48. (1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikoli 38 u 41 titlef –**

[2] Deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Dicembru 1949.
[3] Deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Frar 1961.

**(a) il-jeddijiet imsemmija fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827**[4]

**(b) dak kollu li tkun kisbet il-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;**

**(c) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti li jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun ikkunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jigi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;**

**(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ**.

<u>APPLIKAZZJONI TAL-PRINCIPJI LEGALI GĦALL-KAŻ ODJERN</u>

Illi m'hemmx dubju li ż-żwieġ bejn il-partijiet sfaxxa minħabba l-abbandun tal-konvenut kemm mid-dar konjugali u mir-rikorrenti. L-abbandun tiegħu huwa wieħed li jinkwadra fil-kriterji li gew elaborati aktar 'il fuq u cioe:

1.L-abbandun dam aktar minn sentejn. Jirriżulta illu huwa telaq mid-dar matrimonjali seba' snin wara d-data taż-żwieġ tagħhom, jiġifieri seba' snin wara Ġunju 2007, b'hekk ilu li telaq mis-sena 2014 u baqa' sal-lum ma rritornax mil-Libja. Għalhekk, il-konvenut ilu nieqes mid-dar u mill-familja għal ħames snin, mingħajr ebda kuntatt mar-rikorrenti, konsegwentement temerġi kjarament l-intenzjoni ferma tiegħu li ma jerġax jgħammar mar-rikorrenti.

2. L-abbandun ma kienx ġustifikat. Mix-xiehda tar-rikorrenti, jirriżulta li ma kien hemm l-ebda raġuni valida biex twassal lill-intimat jitlaq mid-dar taż-żwieġ u minn Malta. Din ix-xiehda ma ġiet bl-ebda mod kontradetta.

Adoperat dan ir-raġunament ghall-każ partikolari hawn eżaminat, jibbasta biex jikkonvinċi illi l-azzjoni attrici, msejsa fuq l-abbandun, hija ġustifikata u għalhekk l-ewwel talba attrici qed tiġi akkolta.

---

[4] L-artikolu 631 u 633 jirrigwardaw id-drittijiet ta' suċċessjoni bejn il-konjuġi filwaqt illi l-artikoli 825, 826 u 827 ġew imħassra bl-Att XVIII tal-2004.

Konsegwentement, din il-Qorti qed tapplika fil-konfront tal-intimat l-effetti in toto tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili, fosthom illi tiddikjara illi bl-imġieba tiegħu l-intimat iddekada mid-dritt tiegħu li jitlob u/jew li jirċievi manteniment mingħand ir-rikorrenti u wkoll li huwa tilef kull dritt ta' suċċessjoni li kien talvolta spettanti lilu wara l-mewt tar-rikorrenti.

Rigward it-talba l-oħra, ossija it-tieni talba għax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, il-Qorti in vista tas-suespost, ser tgħaddi biex ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet.

DECIDE

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet minħabba r-ragunijiet spjegati.

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara bħala xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet.

3.Tilqa' t-tielet talba u tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimat iddekada mid-dritt li jitlob manteniment mingħand il-kontendenti.

Bl-ispejjeż jigu sopportati mill-intimat, b'dan illi r-rikorrenti għandha provviżorjament tħallas id-drittijiet tal-Kuraturi Deputati.